**Omelija fiċ-Ċelebrazzjoni tas-Siegħa tal-Omm**
***Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu***
***Sibt il-Għid, 31 ta' Marzu 2018***
L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

# IL-MARA TA' SIBT IL-GĦID

Wara li lbieraħ fakkarna l-qtil ta' Kristu fuq is-salib, matul il-ġurnata tal-lum is-Sibt nistgħu nħossu s-skiet ivenven f'widnejna. Il-ħemda tal-lum taħtafna!

Huwa s-skiet ta' Kristu li issa jinsab midfun fil-qabar. Dik il-Kelma kollha tenerezza u qawwa fl-istess waqt ġiet imsikkta. Alla twaqqa' fil-muta biex ilħna mondani jieħdu post il-leħen tiegħu u hekk il-vjolenza tipprova xxejjen il-Vanġelu tal-karità.

Anki jekk għaddew tant sekli minn din il-ġrajja, aħna llum ukoll ngħaddu minn waqtiet fejn nosservaw is-skiet ta' Alla. Mhux tant għax Alla tilef il-kelma, imma għax il-bniedem bħal donnu jrid jagħlaqlu fommu billi jagħmillu sarima. Fil-fatt, il-vuċi ta' Alla qed tiġi fgata fil-kuxjenzi, anki fil-kuxjenza kollettiva, peress li fil-kor tas-soċjetà qed jiżdiedu l-ilħna ta' individwi li huma bla twemmin. Ma' dawn hemm ukoll il-vuċijiet ta' dawk li huma reliġjożament indifferenti, kif ukoll ilħna ta' dawk li jippretendu li huma Kristjani imma mill-Kristjaneżmu għandhom biss il-qoxra! Huwa fatt li meta niċċensuraw lil Alla, inkunu qed nillimitaw id-dritt tal-espressjoni tal-bniedem!

Is-Sibt ta' wara l-Ġimgħa l-Kbira, li kien il-jum li fih Alla nħeba u l-għajnejn tal-fidi bħal iċċajpru, huwa simbolu ta' żminijietna fejn kultant tinstema' l-għajta li "Alla miet" u fejn is -sekulariżmu bil-mod il-mod qed juri li s-soċjetà tgħaddi mingħajr il-komunità Nisranija.

L-għada tal-Ġimgħa l-Kbira, mhux biss il-ġisem fiżiku ta' Kristu tqiegħed fil-qabar, imma bħal donnu anki *"l-ġisem mistiku"* tiegħu (il-Knisja) niżel fil-qabar li ħaffru l-membri tagħha stess. Għax meta l-Knisja ma tiġġeddidx, meta l-komunità ekkleżjali tagħmel bħal bebbuxu u tingħalaq fiha nfisha (awtoreferenzjali), meta l-komunità Nisranja jidhrilha li tista' tidrob lir-ragħaj tagħha, meta d-duttrina ssir ideoloġija u ma tibqax esperjenza ta' dixxipulat wara Kristu, allura l-Knisja stess titlef il-kelma jew, jekk titkellem, kliemha ma jkunx relevanti.

Bir-raġun, fl-1969, Joseph Ratzinger kien kiteb: "Forsi s-seklu tagħna mhux qed isir bħall-jum tas-Sibt (*Holy Saturday*), il-jum fejn Alla huwa assenti, fejn id-dixxipli wkoll ikollhom baħħ kbir f'qalbhom li dejjem qed jikber, tant li b'ħafna mistħija u niket jaqbdu t-triq lejn Għemmaws mingħajr ma jintebħu li dak li kienu jaħsbu li kien miet, kien f'nofshom?".

Imma jekk il-qabar ta' Kristu jidher imbarrat bi blata kbira, jekk madwar il-qabar hemm skiet taqtgħu b'sikkina, il-qamħa midfuna fl-art bdiet tnibbet; għalkemm hija qamħa li tħassret bil-mewt, issa telaq il-proċess li jagħti l-ħajja. Il-qabar sar ġuf u llum beda l-proċess tal-ġestazzjoni biex għada mas-sebħ titwieled ħajja ġdida. Fil-ġuf hemm il-Kelma li għalkemm bħalissa aħna ma nisimgħuhiex, hija Kelma qawwija li tasal "fl-inħawi l-aktar ta' isfel tal-art" (Fil 2:10).

Fil-fatt, kien fil-jum tas-Sibt li seħħ dak li jgħid San Pietru: Ġesù niżel fil-qigħan tal-imwiet – *discendit ad inferos*: "Kien mogħti l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-ispirtu, li bih mar ixandar is-salvazzjoni lill-erwieħ li kienu magħluqa fil-ħabs. Dawn kienu dawk l-erwieħ li

darba ma ridux jisimgħu, meta Alla qagħad jistenna bis-sabar fiż-żmien li Noè kien jibni l-arka. Ftit, jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma" (1 Piet 3:18-20).

Meta nbela' mill-mewt, Kristu niżel fl-imwiet fis-sens li wasal sal-ibxax kundizzjoni li jista' jkun fiha l-bniedem meta jmut. L-inżul fl-imwiet huwa l-aktar punt baxx li minnu Kristu jitla' għand il-Missier! B'dan l-inżul, Kristu jilħaq il-punti estremi tal-umanità – ma hemm ebda sitwazzjoni li Kristu ma jikkomunikalhiex il-qawwa feddejja tiegħu. L-imħabba li teħles ta' Kristu tasal fil-profondità tal-bniedem, ukoll f'dik il-profondità li għadha mhix evanġelizzata! Jekk inħalluh, huwa jidħol fl-aktar irkejjen mudlama tal-ħajja personali, ekkleżjali u soċjali tagħna. Ukoll jekk il-bniedem jaqa' fil-baxx ħafna, Ġesù jasal sa ħdejh. Ma jinsa lil ħadd u ma jeskludi lil ħadd. Huwa joffri l-ħajja lilna li ma nistgħux nagħtuha lilna nfusna. Anki jekk fil-ħajja spiritwali tagħna aħna mmissu l-qiegħ, insibu li hu jkun niżel hemmhekk qabilna!

Għalhekk, għalkemm madwarna llum hawn skiet itarrax, fil-qalba tal-imwiet (fil-profond ta' ħajjitna) hemm il-Kelma vibranti ta' Kristu! Ma nistagħġibx li aħna nkunu ftit xettiċi dwar dan. Fl-aħħar mill-aħħar, wara li Kristu tqiegħed fil-qabar, anki d-dixxipli ntrebħu mid-dubji u abbandunawh. Dakinhar tas-Sibt, Marija biss baqgħet waħidha tistennieh iqum mill-mewt. Minkejja d-dlam, hija baqgħet sħiħa fil-fidi. L-Isqof Tonino Bello jgħid li "filwaqt li r-riħ tal-Golgota tefa' l-fanali kollha, fanal wieħed baqa' jixgħel: dak ta' Marija. Għalhekk matul il-jum tas-Sibt, Marija tibqa' l-uniku dawl li fih hemm miġbura n-nirien tal-imgħoddi u l-ħġejjeġ futuri. Illum Marija tgħaddi mit-toroq tagħna b'dan id-dawl f'idejha. Meta terfa' l-fanal fuq naħa, hija toħroġ mil-lejl taż-żmien memorji ta' qdusija; meta terfa' l-fanal fuq banda oħra, hija tantiċipa minn ħdan Alla sinjali tal-isplużjoni li ser issir għada mas-sebħ".

Marija, għalkemm hija l-Addolorata b'qalb materna miġruħa, hi li kienet toqgħod taħseb bejnha u bejn ruħha dwar kelmet Binha, f'dan il-jum tas-Sibt semgħet lil Kristu jgħid lil Adam li kien f'art l-imwiet: "Ħares lejn dirgħajja li kienu msammra mal-għuda għalik, int li darba żbaljajt u tawwalt idejk lejn is-siġra; jien li mitt fuq is-salib u lanza nifditli l-kustat għalik, meta lilek kont raqqadtek fil-ġenna tal-art biex ħriġt lil Eva mill-kustat tiegħek. Il-kustat tiegħi fejjaq it-tbatija tal-kustat tiegħek. Ir-raqda tiegħi teħilsek mir-raqda tal-infern. Il-lanza li laqtitni żżomm 'il bogħod il-lanza li kien hemm lesta għalik. Qum u ejja ħa nitbiegħdu minn hawn. L-għadu ħarġek mill-ġenna tal-art. Jien ma nerġax inqiegħdek aktar f'dak il-ġnien, imma npoġġik fuq it-tron tas-Sema… Issa nara li l-kerubini jadurawk qisek bħal Alla, anki jekk m'intix Alla" (Omelija antika ta' nhar Sibt il-Għid; PG 43, 439. 451. 462-463).

Nitolbu lil Marija, il-mara li emmnet fil-Qawmien, il-Mara ta' Sibt il-Għid, tgħinna biex f'dan il-jum ta' skiet ikrah, nisimgħu lil Kristu minn qiegħ l-art jgħidilna dak li qal lil Adam: "Stenbaħ int li rieqed. Jien ma ħlaqtikx biex tibqa' priġunier fl-infern. Qum mill-mewt. Jien il-ħajja tal-mejtin. Qum, int li int xogħol idejja. Qum, xebh tiegħi, int li int maħluq fuq xbieha tiegħi. Qum, noħorġu minn hawn. Inti fija u jiena fik, aħna niffurmaw natura waħda li ma tinqasamx" (ibid).

Ammen.